Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2013

Numru. 859/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**SANDRA SAMMUT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Sandra Sammut ta' 42 sena, bint il-mejjet George Zerafa u Grace nee' Fenech, imwielda Pieta' nhar il-21 ta' April 1971, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 191471M u residenti gewwa Baypass, Flat 5, Triq Dun Karm, Birkirkara;

Giet akkuzata talli:

B’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijet differenti, kienu kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u kienu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

Fi granet u hinijiet differenti bejn Frar u Lulju 2013, minn gewwa r-residenza numru 7, Triq il-Gibjun, Attard ikkommettiet serq ta’ flus u oggetti ikkwalifikat bil-persuna, bil-lok u bl-ammont liema ammont ma jaccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta’ Pauline Agius, Mario Mizzi u/jew persuna jew persuni ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. PC3 u nnutat li l-imputata Sandra Sammut m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(c), (d) u (e), 267, 268, 269, 279(a), 280(1) u 281(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Sandra Sammut, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputata u l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputata Sandra Sammut taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputata Sandra Sammut sabiex fi zmien xaharejn (2) millum thallas lill-parte civile Pauline Agius l-ammont ta’ erba’ mija, hamsa u sittin Ewro (Ewro 465) bhala valur tar-rifurtiva rigward dan il-kaz.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Sandra Sammut l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------